# GĦAD JASAL XI DARBA?

— Lawrence Mizzi —

Il-jum għadu tari, tari daqs tarbija għadha ħierġa minn ġuf ommha, u bħalha bilkemm għadu bexxaq għajnejh biex jara d-dawl qawwi li minn ftit tal-ħin 'l hawn kesa l-art f'din l-għodwa sajfija. Għalkemm ninsabu f'nofs Lulju, bejn minħabba li għadu kmieni u bejn li żiffa ħelwa dieħla nkiss nkiss mit-tieqa ta' kamarti, ma hawn lanqas l-iċken ħjiel ta' għomma, hekk li nħossni qiegħed imxaħxaħ ingawdi dan il-Jum li l-Hallieq sa mill-bidu warrab għall-mistrieħ ta' ġisimna u l-ġid ta' ruħna.

Is-sliem, il-paċi u s-serħan li sa ftit ilu kont qed induq għebu ħesrem x'ħin, ma nafx imnejn, instemgħu resqin ilħna goffi ta' rġiel u żgħażagħ li bl-għajjat tagħhom bla rażan u kliemhom faħxi farrku s-skiet li kien qiegħed imelles lill-ħara dak il-ħin. Il-wasla tagħhom hekk għal għarrieda, hekk vjolenti stħajjiltha qisha xi ponn qerriedi li faqa' u ċarrat it-tila li fuqha kien impitter dak il-waqt sabiħ tażżerniq li bih kont qed nitgħaxxaq. Mingħajr ma ridt ħsiebi ġera u fl-għadab li ħakimni bdejt nilmaħ lill-bniedem bħala sid mill-aktar aħrax li mhux biss ħakem iżda li saħansitra jassar lill-ħolqien. Ma kienx il-bniedem innifsu, bdejt naħseb, li qered imsaġar sħaħ biex bena bliet u toroq u ajruporti? Li qatel miljuni bla għadd ta' tjur u bhejjem hekk li ħafna minnhom għebu minn wiċċ id-dinja? Li niġġes xmajjar u ibħra u minħabba f'hekk kull għamla ta' ħajja fihom tinsab mhedda?

Il-mewt u l-qirda mhux mal-bniedem daħlu fid-dinja? Mhux sa mill-bidunett Maħluq dar fuq Ħuh, u mqanqal mill-għira nqeda bissaħħa ta' drieghu biex qatlu u d-demm li ċċarċar tebba' l-ħdura safja li kienet tiksi l-art verġni? Matul is-sekli sħaħ li l-bniedem ilu jimraħ fuq wiċċ id-dinja gliegel ta' dmija dennsu kull fejn rifes... Fil-Babilonja u f'Ġerusalemm... fil-Greċja u f'Ruma... fi Franza u r-Russja... fi Spanja u l-Ġermanja... f'Nagasaki u Hiroshima... fin-Nigerja u l-Kenja... fl-Irlanda... fil-Korea u Kuba u l-Vjetnam... fil-Lebanon... Gwerer ċivili u reliġjużi u kummerċjali... massakri ta' nisa u tfal u rġiel bla ħtija: San Bartilmew... Glencoe... Il-Hofra s-Sewda ta' Calcutta... Belsen u Auschwitz... Katyn... Adriatine, u aktar, ħafna aktar... kollha twettqu f'isem il-ħaqq u r-twemmin u d-drittijiet ta' individwi, ta' razez, ta' klassijiet soċjali, ta' ġnus...

Kif kont mitluf fi ħsibijieti, niġġerra minn żmien għall-ieħor tal-ġrajja mdemma tal-bniedem l-anqas intbaħt li dawk il-ħsejjes ta' ilħna

għolja u xierfa li kienu darbu dik l-għodwa sabiħa tas-sajf kienu telqu mnejn kienu ġew u flokhom, minn xi radju fil-qrib bdiet ħierġa daqqa ta' ġmiel u serħan bla qies. Il-leħen melliesi tal-kordi kien hekk ħlejju li bħal tilifni u stħajjiltni qiegħed ninqata' mill-art u ntir fuq ġwinħajn il-għana lejn art is-sliem dejjiemi. Imsaħħar kif kont b'dik is-sbuħija ta' mużika ma stajtx, fil-qalba ta' qalbi, ma nammirax il-ġenju ta' min kien ħalaqha li minkejja li għaddew mal-mitejn sena minn twelidha għadha tferraħ u tgħaxxaq lil kull min għandu widnejn biex jisma'. L-anqas ma stajt ninsa lil dawk il-ġenji l-oħra li ġew wara u li ħadmu u stinkaw u saħru biex joħolqu u jipperfezzjonaw dak l-istrument żgħir ta' l-għaġeb li minn tant bogħod, kien qed iwassalli, ċar daqs il-kristall dik il-melodija li ż-żmien ma rnexxilux inessi jew itemm.

Moħħi kien issa aktar kalm u stajt nistqarr miegħi nnifsi li l-bniedem mhux jeqred biss jaf. Tabilħaqq il-Bniedem Bennej ħallielna wirja tal-ħila tiegħu sa mill-ibgħad żminijiet: imqades ta' ħaġar bla qies, piramidi ġgantin, tempji maestużi u knejjes glorjużi, palazzi li jsaħħru bi ġmielhom, swar għoljin qawwija, torrijiet u fortizzi setgħana, pontijiet li joforqu xmajjar u dagħbien, bini li jħokk massema, toroq ma jispiċċaw qatt, firxa immensa ta' bliet... Kull fejn rifset iċ-ċiviltà ma ħallietx ħlief xhieda tas-sengħa u l-ġenju tal-bniedem, għaliex moħħ il-bniedem — li fih jilma l-Ħallieq u sawru xbiha tiegħu mit-tajn ta' l-art — ma għandux serħan. dejjem ifittex, dejjem irid isib, dejjem irid joħloq, dejjem irid jirbaħ. U rebaħ il-bniedem: ibħra u deżerti u muntanji; rebaħ id-distanzi — il-għoli u t-tul u l-wisa' u l-fond. Rebaħ il-vojt ta' l-ispazju u rifes fejn qatt ma emmen, għalkemm ħolom, li seta' jirfes. U għad jirbaħ iżjed għax l-għatx li għandu hu klubi u ma jinqata' b'xejn.

Tgħid għad jasal xi darba biex jirbaħ u jaħkem il-ġibdiet qerrieda li għandu midfuna ġo qalbu u li f'waqt wieħed, f'mument ta' għira, ta' għadab, ta' qilla, ta' ġenn jbidluh minn ħallieq u bennej għal wieħed qerriedi li jġarraf u jaħraq u joqtol?

* * * *